MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 108/2022 LM

**David Magro (K.I. nru. 14365(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **HSBC Bank Malta p.l.c.** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fid-9 ta' Awwissu, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3658/GV li ġiet intavolata fil-konfront tagħha mir-rikorrent **David Magro (K.I.**

**nru. 14365(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], fejn it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

> *"...jilqa' l-ewwel tlett talbiet hekk kif impostati fir-rikors promotur tar-rikorrent David Magro, u qiegħed jiċħad ir-raba' u l-ħames talba.*
>
> *Illi għalhekk dan it-Tribunal qiegħed jordna lill-Bank intimat, HSBC Bank Malta (plc), sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni jħallas bħala kumpens lir-rikorrent, David Magro, s-somma ta' mhux inqas mill-ekwivalenti ta' tlett snin salarju kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv li kien viġenti fil-perijodu ta' din il-kwistjoni ta' xogħol."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta permezz ta' ittra tat-12 ta' April, 2018. L-appellat kien ilu mpjegat mal-imsemmija soċjetà appellanta mis-16 ta' Frar, 1984, iżda b'effett mill-1 ta' Mejju, 2013 huwa kien ingħata *career break* għal sena skont il-Ftehim Kollettiv. Dan il-perijodu ġie estiż diversi drabi fuq ftehim bejn il-partijiet, u fl-10 ta' April, 2017[1] ġie maqbul bejniethom li l-*career break* kellu jiġi estiż sal-aħħar ta' Marzu 2018, u li ma jerġgħax jiġi mġedded, b'dana li fl-istess ħin l-appellat intrabat sabiex jindika jekk huwa kienx ser jirriżenja mill-impjieg tiegħu jew jirritorna lura fil-qadi ta' dmirijietu bħala mpjegat tas-soċjetà appellanta. Sussegwentement sar ftehim sabiex l-appellat jidħol lura fl-impjieg tiegħu fit-2 ta' Jannar, 2018, imma minkejja dan huwa talab għal *career break* ieħor permezz ta' ittra tas-6 ta' Diċembru, 2017[2] peress li huwa kien ġie appuntat CEO tal-Malta Freeport Corporation. Imma permezz tal-ittra tagħha

---

[1] Dok. B *a fol.* 91.
[2] Dok. G *a fol.* 99.

tad-29 ta' Jannar, 2018[3], is-soċjetà appellanta permezz tas-CEO tagħha ikkonfermat il-pożizzjoni tagħha li ma kinitx ser takkorda iktar estensjonijiet tal-*career break* tal-appellat. L-appellat ingħata estensjoni sal-aħħar ta' Marzu 2018, filwaqt li huwa kellu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu sal-1 ta' Marzu, 2018, u fin-nuqqas li jirritorna lura għax-xogħol sal-1 ta' April, 2018, kien ser jiġi tterminat l-impjieg tiegħu, kif fil-fatt ġara.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-3 ta' Lulju, 2018 permezz ta' rikors fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"(i) jiddikjara illi t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu mal-Bank intimat hija inġusta;*
>
> *(ii) jiddikjara illi l-Bank intimat aġixxa b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent meta ċaħħdu milli jużufruwixxi ruħu mill-proċedura tar-rimedju intern sabiex jittratta l-ilment tiegħu bl-assistenza tal-unjin li fiha huwa msieħeb hekk kif stabbilit fil-Ftehim Kollettiv;*
>
> *(iii) fir-rigward tal-ewwel talba, konsegwentement jordna lill-Bank intimat sabiex iħallas lir-rikorrent kumpens għat-tkeċċija inġusta tiegħu a tenur tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kumpens għandu jkun f'somma ta' mhux inqas mill-ekwivalenti ta' tlett snin salarju kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv viġenti;*
>
> *(iv) fir-rigward tat-tieni talba, jagħti kull rimedju ulterjuri li jidhirlu li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi inkluż il-kundanna għall-ħlas ta' kumpens ulterjuri minħabba fl-aġir diskriminatorju soffert mir-rikorrent; u*
>
> *(v) jagħti kull rimedju ieħor li jidhirlu li jkun xieraq u opportun fit-termini tal-liġi u tal-Ftehim Kollettiv viġenti.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-Bank intimat."*

---

[3] Doc. F *a fol.* 77.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-2 ta' Ottubru, 2018 fejn issottomettiet li *"...l-ebda kumpens ma għandu jiġi llikwidat favur ir-rikorrenti stante illi ma seħħet ebda diskriminazzjoni negattiva u/jew tkeċċija inġusta".*

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> ***"Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali***
>
> *Illi l-każ in deżamina jittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, David Magro, u li kien impjegat mal-intimat, ossia, l-bank H.S.B.C. Bank Malta (plc) bħala manager fil-grad GCB 5 Manager, kellu l-impjieg itterminat u dan għaliex ma kienx onora l-ftehim li kellu mall-Bank intimat, u ċioé li jirritorna għax-xogħol fl-1 t'April 2018, u dan wara li kien għamel aktar minn ħames snin fuq* career break.
>
> *Illi mill-provi akkwiżiti u kif ukoll mix-xhieda prodotti, jirriżulta li r-rikorrent kien ibbenifika minn dak li jipprrovdi l-Ftehim Kollettiv ta' dakinhar, ossia minn dak li tistipula klawsola 13 (k) fejn impjegat seta' jingħata sa massimu ta' tnax-il xahar* leave *bla ħlas bħala* Career Break. *Dan il-*career break *kien fid-diskrezzjoni tal-Bank intimat. Din il-klawsola tlettax (13) taħt it-Titolu* Special Leave Without Pay *f'paragrafu ittra 'k'* ab verbatim tgħid:
>
> > "Full time Employees who have completed their probationary period may be granted at the Bank's discretion up to a maximum of twelve (12) months unpaid Career Break leave provided that the employee does not seek employment in the Financial Services sector during such unpaid leave".
>
> *Illi dan it-Tribunal jibda biex jeżamina din il-klawsola u li kjarament tgħid li dan il-*career break *hu fid-diskrezzjoni tal-bank. Mill-provi rriżulta wkoll bl-aktar mod ċar li r-rikorrent mhux tnax-il xahar għamel fuq* career break *iżda addirittura ħames snin, mis-sena 2013 sas-sena 2018, u dan dejjem bl-approvazzjoni tal-Bank intimat.*
>
> *Mill-banda l-oħra rriżulta wkoll mix-xhieda prodotti u kif ukoll mid-dokumenti esebiti li r-rikorrent kien ried li jirreġistra* individual grievance, *ossia li jagħmel użu mill-proċedura nterna provduta mill-Bank intimat fil-Ftehim Kollettiv, u dan sabiex ikun jista' jressaq l-ilment tiegħu (fn. 1 Vide Dok. 'G', tad-Dikjarazzjoni tal-Każ ta' David*

*Magro – ittra ta' David Magro, lil Andrew C. Beane, datata 20 ta' Frar 2018). In oltre, r-rikorrent irċieva ittra datata t-12 t'April 2018, fejn l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Bank intimat, Andrew C. Beane, kkonferma l-posizzjoni tal-Bank li l-impjieg tar-rikorrent kien itterminat.*

*Illi miż-żewġ affidavits tal-uffiċjali tal-Bank intimat, David Perrotti u Saviour, sive Sonny Portelli, li r-rikorrent għalkemm kien konxju minn dak li kien jistipula l-Ftehim Kollettiv dwar* career break *kien baqa' jisħaq li kien ried estensjoni oħra, u dan wara li kien inħatar Uffiċjal Kap Eżekuttiv (C.E.O.) tal-Malta Freeport Corporation (fn. 2 Vide affidavit ta' David Perrotti u Saviour, sive Sonny Portelli).*

*L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Bank intimat ta' dak il-perijodu, Andrew C. Beane, fl-affidavit tiegħu sostna li wara li kienu ġew konċessi lir-rikorrent diversi estensjonijiet, mis-sena 2013 sas-sena 2017, il-bank kien informa lir-rikorrent li ma kienx se jġedded aktar il-*career break *tar-rikorrent.*

*Fl-istess affidavit Andrew C. Beane irrimarka li r-rikorrent kien aċċetta li jirritorna għax-xogħol wara l-iskadenza tal-*career break. *Kien wara li r-rikorrent ġie appuntat Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Malta Freeport Corporation li kien mar lura minn kellmtu u r-rikorrent talab għall-estensjoni oħra, sostna fl-affidavit tiegħu Andrew C. Beane.*

*Is-Sur Beane għamel referenza wkoll li rikorrent kien interpreta d-dewmien tar-risposta għat-talba tiegħu għall-estensjoni oħra da parti tal-bank bħala aċċettazzjoni ta' din l-estensjoni. Dan id-dewmien kien dovut minħabba l-mewt ħabta u sabta ta' Gareth Williams. Sussegwentement is-Sur Beane kien wieġeb għat-talba tar-rikorrent fid-29 ta' Jannar 2018 u li kien għamilha ċara li l-Bank ma kienx se jikkonċedi aktar estensjonijiet lir-rikorrent.*

*Meta r-rikorrent ma kienx irritorna fl-impjieg tiegħu mall-Bank intimat, is-Sur Beane bagħat ittra (12 t'April 2018) fejn informa lir-rikorrent li l-impjieg kien ġie tterminat b'effett mill-1 t'April 2018, u dan għax kien abbunduna l-impjieg tiegħu (fn. 3 Vide Affidavit ta' Andrew C. Beane).*

*Ir-rikorrent David Magro, wkoll ippreżenta affidavit fejn irribatta għal dak li kienu rrilevaw l-uffiċjali tal-bank intimat fl-affidavit tagħhom. Ir-rikorrent dwar dak li sostna Sonny Portelli qal li dan kien issuġġerielu li jekk ma kienx se jieħu estensjoni oħra japplika għall-iskema tal-irtirar volontarju. Ir-rikorrent saħaq li s-Sur Portelli għalkemm qatt ma kien wegħdu li t-talba għall-estensjoni tal-*career break *tiegħu kienet se tintlaqa', kien ittamah li s-soluzzjoni kienet se tiġi risolta a favur tiegħu. Ir-rikorrent saħaq li l-Bank caħdu mid-dritt li jirrikorri quddiem il-*Grievance Board, *u dan skont kif jistipula l-Ftehim Kollettiv (fn. 4 Vide – Affidavit ta' David Magro).*

*In kontro-eżami Andrew C. Beane ikkonferma li kienet teżisti l-proċedura li meta mpjegat iħossu aggravat jirrikorri quddiem il-*Grievance Board. *Dan il-Bord kien jemani mill-Ftehim Kollettiv. Inoltre, matul dan il-kontro-eżami is-Sur Beane kien evażiv għad-domandi tal-konsulent legali tar-rikorrent dwar il-*Grievance Board *u l-għaliex ir-rikorrent ma tħalliex li jirrikorri għalih. Il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv dwar dan l-istanti wieġeb:-*

> *"*Dr. C. Cilia: And then things came ahead and Mr. Magro requested specifically to go infront of the Grievances Board. Do you confirm that the request was never granted?
>
> Mr. A. Beane: Well you can, I've already said to you that the Grievance Board process wasn't followed but it wouldn't have changed the outcome if Mr. Magro had been unhappy with it, it would have been appealed to me and the Head of HR" (*fn. 5 Kontro-eżami ta' Andrew C. Beane paġna 16 tat-traskrizzjoni).*

*Illi minn din is-silta is-Sur Beane qiegħed jikkonferma li r-rikorrent ġie mċaħħad milli jidher quddiem il-*Grievance Board. *In oltre, in kontro-eżami David Perrotti kien ikkonferma li kien rċievew ittra mingħand ir-rikorrent fejn talab biex jidher quddiem il-*Grievance Board *u li t-talba tar-rikorrent ma kinitx intlaqgħet. Is-sur Perrotti kkonferma wkoll li dan hu dritt li japplika għal kull impjegat tal-bank, inkluż ir-rikorrent. In oltre, ma kien hemm l-ebda provvediment fil-Ftehim Kollettiv li kien b'xi mod iċaħħad lil min kien qiegħed b'*leave *fit-tul milli jibbenifika mill-*Grievance Board *(fn. 6 Kontro-eżami David Perotti, paġna 8 tat-traskrizzjoni.).*

*Illi minn dak li rriżulta mill-kontro-eżamijiet it-Tribunal iqis li il-Bank intimat mingħajr ma ħa in konsiderazzjoni l-Ftehim Kollettiv iddeċieda arbitrajament li jċaħħad lir-rikorrent milli jirreġistra l-ilment tiegħu quddiem il-*Grievance Board. *Dan it-Tribunal iħoss li anke jekk għas-saħħa tal-argument ir-rikorrent ma apprezzax il-fatt li l-Bank intimat kien ikkonċedielu diversi estensjonijiet minn dak li kien jipprovdi l-Ftehim Kollettiv li kien dak sa massimu ta' tnax-il xahar, l-istess rikorrent kellu dan id-dritt li jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-*Grievance Board, *u dan kif wara kollox jirriżulta mil-istess Ftehim Kollettiv. Kien hawn li l-Bank intimat aġixxa b'mod diskriminatorju mar-rikorrent, ossia meta ċaħħdu milli jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-*Grievance Board.

*Jekk wieħed jirraġuna bil-mod li bih il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv irraġuna, allura ma jsirux il-Ftehimiet Kollettivi (*Collective Agreements) *għall-ħaddiema u jiddeciedu arbitrajment il-prinċipali (*employers) *dwar il-kwistjonijiet li jinqalgħu. Dan żgur li mhux aċċettabbli fid-dritt industrijali u tax-xogħol. Dwar il-Ftehmiet Kollettivi* (Collective Agreements) *l-awtur Norman Selwyn jsostni: -*

3.53 A collective agreement is an agreement made between an employer's association, or a single employer, on the one hand, and a trade union, on the other, which, as well as laying down the procedure which will govern the relationship between the signatories, will also provide the terms and conditions of employment of those covered by the agreement (fn. 7 Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 3.53. p. 92).

*Illi għalhekk minn dan il-bran jidher ċar li ftehim kollettiv isir sabiex jirregola r-relazzjoni bejn il-prinċipal u l-impjegati, u dan bl-għajnuna tat-*trade union *li tkun qiegħda tirrappreżenta lil dawk l-impjegati. Illi huwa proprju għalhekk li dan it-Tribunal ma jista' qatt jaċċetta dikjarazzjoni bħal dik li għamel il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv tal-Bank intimat, Andrew C. Beane, meta in kontro-eżami wieġeb bil-mod kif wieġeb, u li din it-tweġiba tiegħu hi riprodotta* ab verbatim *aktar 'l fuq. Ġialadarba r-rikorrent kien kopert bil-Ftehim Kollettiv, u li fih hemm stipulata klawsola (numru 7, f'paġna 66 tal-Ftehim Kollettiv) dwar* Grievance Procedure, *l-istess rikorrent kellu kull dritt sagrosant li jagħmel użu minn din il-proċedura.*

*Mill-banda l-oħra dan it-Tribunal jaqbel mal-Bank intimat dwar l-argumenti ta' diskriminazzjoni minħabba l-estensjoni ulterjuri li kien talab ir-rikorrent. Ir-rikorrent wara li kien ġie lilu konċess ben oltre aktar minn tnax-il xahar ta'* career break *stipulati fil-Ftehim Kollettiv, żgur li ma jistax jargumenta li l-Bank intimat iddiskrimina miegħu, meta r-rikorrent għamel mis-sena 2013 sas-sena 2018, ħames snin sħaħ fuq* career break.

*Illi dwar dan il-punt dan it-Tribunal irid jagħmel eżerċizzju u jagħmel paragun bejn impjegati oħra tal-bank intimat, fl-istess grad tar-rikorrent li applikaw għall-*career break *u kemm-il darba ġiet konċessa lilhom estensjoni. U li tali estensjoni kienet tissorpassa il-perijodu li dam bil-*career break *ir-rikorrent. Dan l-eżerċizzju t-Tribunal għamlu billi eżamina l-lista ta' mpjegati li giet ippreżentata mill-Bank intimat u li kienu ngħataw* career break, *u durata tal-istess* career break. *It-Tribunal iqis li minn din il-lista ma tirriżulta l-ebda diskriminazzjoni mar-rikorrent. Għalhekk f'dan ir-rigward ma saret l-ebda diskriminazzjoni mar-rikorrent.*

*Illi b'referenza għad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata, 2 t'Ottubru 2020, fl-ismijiet Mark Muscat vs HSBC Bank Malta (plc), it-Tribunal irrileva li -*

Illi għalhekk dan it-Tribunal sabiex jikkonkludi li kien hemm diskriminazzjoni mar-rikorrent għandu bil-fors jikkompara like with like, irid isir "eżerċizzju ta' paragun bejn, almenu, żewġ gruppi ta' fatti jew ċirkostanzi (vide Rose Anne Galea vs l-Onor Prim Ministru et QK 11 ta' April 1994), u jekk kienx hemm ksur

> tal-prinċipju tal-parità ta' trattament (vide Paul Borg vs APS Bank Limited deċiża App.Inf. 26 ta' Marzu 2010), ċioé jekk kienx hemm impjegati fl-istess grad tar-rikorrent li ġew trattati diversament mir-rikorrent għal dak li jirrigwarda żieda fil-pakkett tiegħu ċioé żieda fil-paga u żieda fil-bonus (*fn. 8 Tribunal Industrijali – Deċiżjoni Nru: 2673, per Chairperson Dr. Anna Mallia LL.D, LL.M (Lond), Dip, Tax. (Mit), 2 ta' Ottubru 2020, fl-ismijiet, Mark Muscat vs HSBC Malta plc (C-3177))*

*Illi minn dan il-bran ċitat il-prinċipju tal-parità ta' trattament* (like with like), *f'din il-kwistjoni ta' xogħol ma ġiex vjolat, u dan stante li r-rikorrent ibbenfika ampjament minn estensjonijiet vari f'perijodu ta' ħames snin, mis-sena 2013 sas-sena 2018."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-19 ta' Awwissu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...tilqa' l-aggravji mressqa mill-Bank appellant; konsegwentement, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal in kwantu dik il-parti fejn ma laqgħetx ir-raba' u l-ħames talba tar-rikorrenti, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali datata d-9 ta' Awwissu 2022 fl-ismijiet premessi in kwantu laqgħet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti, u tiddikjara illi ma seħħet ebda diskriminazzjoni jew tkeċċija inġusta fil-konfront tal-appellat David Magro, u għaldaqstant, l-ebda kumpens m'għandu jiġi likwidat a favur tiegħu."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) it-Tribunal ma tax raġuni u ma spjegax kif huwa wasal għad-deċiżjoni li kien hemm tkeċċija inġusta; (b) id-deċiżjoni appellata ma ssegwix, u ma timxix mad-dettami tal-liġi u mal-ġurisprudenza stabbilita dwar dak li jikkostitwixxi 'tkeċċija inġusta' *ai termini* tal-Kap. 452; (ċ) it-Tribunal straħ fuq konsiderazzjoni li ma tqajmitx minnha; (d) it-Tribunal ma segwiex u ma mexiex mad-dettami tal-ligi u l-ġurisprudenza stabbilita dwar dak li jikkostitwixxi diskriminazzjoni *ai termini* tal-Kap. 452; (e)

it-Tribunal ma eżaminax jekk il-proċedura tal-*'grievance'* fil-ftehim kollettiv kinitx tapplika għall-ilment li xtaq iressaq l-appellat; u (f) it-Tribunal applika l-liġi ħażin għall-fatti tal-każ meta skarta l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda.*

7. L-appellat wieġeb fil-25 ta' Ottubru, 2022, fejn sostna li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u korretta, u għalhekk timmerita li tiġi kkonfermata, u dan filwaqt li spjega r-raġunijiet tiegħu għal dan.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk hijiex ġustifikata s-sottomissjoni tal-appellat li l-appell odjern huwa inammissibbli *ai termini* tal-liġi ġaladarba jaqa' fil-parametri tal-para. (ċ) tas-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li jipprovdi s-subartikolu (1) u s-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-istess liġi, iżda wkoll għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 75 tal-Kap. 452, jikkontendi li ma hemm l-ebda dritt ta' appell fil-każ li tressaq quddiem it-Tribunal. Huwa jgħaddi sabiex jiċċita żewġ sentenzi ta' din il-Qorti[4] sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu. Iżda jekk tirriżulta infondata s-sottomissjoni tal-appellat, imbagħad il-Qorti ser tgħaddi wkoll sabiex tikkunsidra kull aggravju tas-soċjetà appellanta li sar fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452.

9. Tibda billi tikkunsidra l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta. Permezz ta' dan l-aggravju, hija qegħda tikkontendi li t-Tribunal ma tax raġuni u ma spjegax kif huwa kien wasal għad-deċiżjoni ta' tkeċċija nġusta. Issostni li t-

[4] General Workers Union vs. Bank of Valletta plc, 26.06.2008, u General Workers Union vs. Malta Shipbuilding Co. Ltd, 27.03.2009.

Tribunal imkien ma jistqarr jew jispjega l-motivazzjonijiet li wassluh għal din id-deċiżjoni tiegħu, u tirrileva li l-uniku kumment negattiv li għadda, kien li hija kienet aġixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tal-appellat meta ċaħditu milli jippreżenta lment quddiem il-*Grievance Board.* Is-soċjetà appellanta tgħid li mill-konsiderazzjonijiet tiegħu, pjuttost jirriżulta li t-Tribunal wasal għal konklużjoni totalment opposta, u aċċetta l-pożizzjoni tagħha li t-terminazzjoni tal-appellat saret *"għaliex ma kienx onora l-ftehim li kellu mal-Bank intimat, u ċioé li jirritorna għax-xogħol fl-1 ta' April 2018, u dan wara li kien għamel aktar minn ħames snin fuq* career break*",* u *"kjarament ...il-*career break *hu fid-diskrezzjoni tal-bank. Mill-provi rriżulta ukoll bl-aktar mod ċar li r-rikorrenti mhux tnax-il xahar għamel fuq* career break *iżda addiritura ħames snin...".* Għalhekk tgħid li ma kien xejn ċar kif fid-decide tiegħu t-Tribunal iddikjara li t-tkeċċija kienet waħda inġusta.

10. Min-naħa tiegħu l-appellat jikkontendi li fil-paġna 7 tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal spjega sew li l-fatt li s-soċjetà appellanta ma kinitx ħallietu jipprevalixxi ruħhu minn proċedura interna, kienet proprju r-raġuni tad-deċiżjoni tiegħu. Jgħid li t-Tribunal ma ħalla l-ebda dubju dwar dak li wasslu għall-imsemmija deċiżjoni, fejn huwa saħansitra jiċċita awturi rilevanti u għamel dikjarazzjonijiet skjetti. L-appellat jissottometti li s-soċjetà appellanta ma kinitx qablet mar-raġuni u mal-ispjegazzjoni mogħtija mit-Tribunal, u mhux għaliex dan ma pprovdiex ir-raġuni għad-deċiżjoni appellata. Jgħid li huwa evidenti li r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu li tat is-soċjetà appellanta, kienet biss intiża sabiex tiġġustifika għemilha.

11. Il-Qorti qabel xejn għandha tgħid li dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta ċertament bl-ebda mod ma jolqot il-mertu, stante li huwa msejjes fuq dak li tistabbilixxi l-liġi fir-rigward tal-proċedura quddiem it-Tribunal permezz tad-disposizzjonijiet tar-regolament 12 tal-L.S. 452.18, li għalkemm jippermettu li t-Tribunal li ma jidħolx fid-dettal tar-raġunijiet li wassluh għad-deċiżjoni tiegħu, jirrikjedu tal-inqas riferiment għax-xhieda mismugħa quddiemu. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju mingħajr l-ebda dubju tressaq fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Iżda jirriżulta wkoll li l-aggravju huwa ġustifikat u għandu jintlaqa'. Tikkunsidra li l-appellat hawnhekk m'għandux raġun jikkontendi mod ieħor, u l-Qorti tagħraf li huwa għal kollox żbaljat l-argument tiegħu li fil-paġna 7 tad-deċiżjoni appellata hemm imfissra sewwa l-motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata. Tgħid li donnu l-appellat jinsa kif huwa stess fisser fl-ewwel talba tiegħu huwa talab għal dikjarazzjoni li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta, u permezz tat-tieni talba mbagħad talab ukoll sabiex it-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà appellanta aġixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu meta allegatament ċaħditu milli jipprevalixxi ruħhu mill-proċedura interna skont il-Ftehim Kollettiv. Għalhekk il-Qorti tikkunsidra li dak kollu li t-Tribunal ikkontempla f'paġna 7 kien marbut ma' din it-tieni talba tal-appellat, u t-Tribunal kkonkluda billi ddikjara li *"kien hawn li l-Bank intimat aġixxa b'mod diskriminatorju mar-rikorrent, ossia meta ċaħdu milli jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-*Grievance Board*".* Il-kwistjoni dwar il-*career break* li wasslet għat-tkeċċija tal-appellat, ġiet ittrattata mit-Tribunal iktar kmieni fid-deċiżjoni tiegħu, preċiżament mal-ftuħ tal-konsiderazzjonijiet tiegħu f'paġna 5 u 6, fejn kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellanta, l-argumenti tiegħu kollha aċċettaw il-pożizzjoni tagħha li l-appellat kien naqas milli jonora l-

ftehim li kellu magħha, u ċertament bl-ebda mod ma jista' jingħad li jsostnu d-deċiżjoni finali tat-Tribunal, fejn laqa' l-ewwel talba tal-appellat għal dikjarazzjoni ta' tkeċċija inġusta.

12. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li d-deċiżjoni appellata ma tħarisx id-dettami tal-liġi u tal-ġurisprudenza stabbilita dwar dik li hija 'tkeċċija inġusta' *ai termini* tal-Kap. 452. Hija tagħmel riferiment għal dak li ġie senjalat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Abdulkerim Agagero Abas *vs.* Malta Public Transport Services (Operations) Limited** tat-3 ta' Frar, 2021, u tissottometti li wara li t-Tribunal ikkonstata li l-appellat *"kellu l-impjieg itterminat u dan għaliex ma kienx onora l-ftehim li kellu mal-Bank intimat",* dan kien tenut li jgħaddi sabiex jindaga jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni tiegħu. Tirrileva li minflok it-Tribunal żamm l-attenzjoni fuq il-*grievance procedure,* u baqa' mhux ċar għaliex huwa kien iddeċieda li kien hemm tkeċċija inġusta. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal ma kellux jindaga dwar il-kwistjoni tal-ksur o meno tal-Ftehim Kollettiv, u huwa saħansitra ma kellu l-ebda ġurisdizzjoni fuq każijiet ta' allegat ksur ta' ftehim kollettiv. Tispjega li fil-każ odjern, l-appellat qed jilmenta li huwa ma tħalliex jirrikorri għall-imsemmija proċedura, iżda dan fejn kien hemm ftehim ċar bejn il-partijiet u wara li kienu ngħatawlu diversi estensjonijiet tal-*career break* skont id-diskrezzjoni dejjem tas-soċjetà appellanta. Din tal-aħħar tissottometti li għalhekk il-każ odjern mhux wieħed ta' tkeċċija msejsa fuq allegat nuqqas tal-impjegat, fejn il-proċedura ta' dixxiplina tista' titfa' dawl fuq il-fatti li wasslu għat-tkeċċija, u ċ-ċaħda minn dawk il-proċeduri tista' b'hekk toħloq inġustizzja. Hawnhekk il-każ kien jirrigwarda ftehim bejnha u l-impjegat, fejn tal-aħħar ippretenda li jmur lura mill-ftehim. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li mhuwiex

raġonevoli t-Tribunal kellu jasal għal deċiżjoni ta' tkeċċija inġusta għaliex l-appellat ma tħalliex iressaq ilment sabiex jikkonvinċiha għaliex huwa kellu jitħalla jerġa' lura minn kelmu stess, meħud in konsiderazzjoni t-trattament aġevolanti li ngħata l-appellat matul is-snin.

12. Il-Qorti tifhem li dan it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta ikompli fuq l-ewwel wieħed, b'dan iżda li hawnhekk l-argumenti tagħha huma pjuttost dwar il-mertu tal-każ odjern, fejn tikkontendi li l-fatt waħdu li l-appellat ma tħalliex iressaq ilment quddiem il-*Grievance Board,* ma kellux iwassal lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi li kien hemm tkeċċija nġusta. Għalhekk il-Qorti tagħraf li dan l-aggravju ma setax jitressaq *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u għalhekk ma jiswiex.

13. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal straħ fuq konsiderazzjoni li l-appellat ma kienx għamel. Tispjega li mir-rikors promotur tal-istess appellat li jistabbilixxi l-parametri tal-azzjoni, il-kwistjonijiet ta' 'tkeċċija nġusta' u ta' 'nuqqas ta' aċċess għal *grievance procedure*' ġew trattati separatament u b'mod distint. Għalhekk, meta t-Tribunal aċċetta li s-soċjetà appellanta kienet imxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tal-appellat, dan kien qed jilqa' it-tieni talba u mhux l-ewwel waħda. Iżda tgħid li fl-istess nifs t-Tribunal jikkonkludi li huwa kien qed jilqa' it-talba għal dikjarazzjoni ta' tkeċċija nġusta, u jidher li n-nuqqas tal-*grievance procedure* kien il-kawża għal din id-deċiżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellanta ssostni li jekk it-Tribunal sab li t-tieni talba kienet ġustifikata, huwa kellu jgħaddi sabiex jaċċettaha u jillikwida l-kumpens biss minħabba dik ir-raġuni, iżda ma

kellux imur oltre, u jiddikjara li anki l-ewwel talba għal dikjarazzjoni ta' tkeċċija nġusta kellha tiġi aċċettata.

14. Dwar dan l-aggravju, l-appellat isostni li s-soċjetà appellanta hawnhekk għadha ma fehmitx li t-Tribunal laqa' l-ewwel talba u anki t-tieni talba tiegħu, u l-fatt li hija xtaqet li t-Tribunal laqa' biss it-tieni talba, ma kien ibiddel xejn minn dak li attwalment seħħ. Jissottometti li l-aġir tal-prinċipal jista' ma jkunx raġonevoli imma anki diskriminatorju, u jgħid li l-ġurisprudenza tgħallem ukoll li aġir diskriminatorju ftit jista' jiġi meqjus raġonevoli.

15. Filwaqt li l-Qorti tagħraf li dan l-aggravju jista' jiġi kkunsidrat li sar fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, peress li l-ilment tas-soċjetà appellanta ma jittrattax għaliex, imma kif iddeċieda t-Tribunal, tirrileva li diġà iktar 'il fuq f'din is-sentenza kellha l-opportunità li tirrileva hija stess l-argument miġjub mis-soċjetà appellanta. Għaldaqstant il-Qorti ssib dan l-aggravju ġustifikat, u tilqgħu.

16. Ir-raba' aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda l-allegat nuqqas tat-Tribunal li josserva d-dettami tal-liġi u tal-ġurisprudenza dwar dak li huwa stabbilit bħala diskriminatorju. Tispjega li għalkemm it-Tribunal għamel evalwazzjoni dwar jekk seħħitx diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellat hekk kif huwa ma ngħatax estensjoni oħra tal-'*career break*' tiegħu, jirriżulta mir-rikors promotur li l-ebda talba ma saret mill-appellat f'dan ir-rigward, iżda biss limitatament għall-fatt li huwa ġie mċaħħad milli jippreżenta *grievance* skont il-Ftehim Kollettiv. Tirrileva li hawnhekk it-Tribunal sostna li sabiex jirriżulta trattament diskriminatorju għal dak li jirrigwarda l-estensjoni tal-*career break*, kien hemm bżonn li jitqabbel *like with like,* iżda l-istess eżerċizzju ma sarx mit-

Tribunal meta dan ittratta l-kwistjoni li l-appellat ma kienx tħalla iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-*Grievance Board.* Tgħid li hija qegħda tirrileva dan il-punt, għaliex filwaqt li t-Tribunal ma kienx ta kumpens għas-sejbien ta' diskriminazzjoni, huwa kien serraħ il-konklużjoni tiegħu ta' tkeċċija inġusta proprju fuq din il-kwistjoni.

17. L-appellat isostni li dan l-aggravju huwa nfondat proprju għaliex t-Tribunal għamel l-eżerċizzju ta' tqabbil bejnu u impjegati oħra li kellhom dritt li jidhru quddiem il-*Grievance Board.* Jispjega li l-oneru tal-prova huwa proprju fuq l-appellat sabiex jiġi stabbilit quddiem it-Tribunal li kien hemm xi diskriminazzjoni diretta jew indiretta. Iżda min-naħa l-oħra s-soċjetà appellanta kellha tressaq prova sabiex turi li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament matul is-smigħ tal-ilment, u t-Tribunal imbagħad kien tenut li jilqa' l-ilment jekk is-soċjetà intimata, hawnhekk appellanta, ma turix li hija ma tkunx wettqet dak l-att illegali.

18. Il-Qorti tikkunsidra li anki dan l-aggravju jirrispetta dak mitlub mis-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u għaldaqstant kuntrarjament għal dak sollevat mill-appellat, tgħid li huwa ammissibbli. Tirrileva li kif saħansitra osserva t-Tribunal fil-każ tal-ilment dwar diskriminazzjoni fil-konċessjoni ta' *career break*, l-eżerċizzju li għandu jiġi addottat sabiex jiġi nvestigat l-ilment, huwa dak ta' *"...paragun bejn impjegati oħra tal-bank intimat, fl-istess grad tar-rikorrent li applikaw għal* career break *u kemm-il darba ġiet konċessa lilhom estensjoni, u li tali estensjoni kienet tissorpassa il-perijodu li dam bil-*career break *ir-rikorrent".* Iżda fil-każ tal-ilment ta' diskriminazzjoni mressaq mill-appellat fir-rigward taċ-ċaħda tiegħu milli jressaq ilment quddiem il-*Grievance Board,* il-

Qorti ma ssibx li l-eżerċizzju tal-paragun ġie applikat mit-Tribunal fir-rigward tal-appellat u xi mpjegati oħra. B'hekk huwa bl-ebda mod ma seta' qatt jasal għal dikjarazzjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellat. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll huwa mistħoqq, u l-Qorti tilqgħu.

19. Il-ħames aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal naqas milli jinvestiga jekk il-*grievance procedure* fil-Ftehim Kollettiv kinitx applikabbli għall-ilment li xtaq iressaq l-appellat. Tissottometti li f'paġna 67 tal-imsemmi Ftehim Kollettiv, hemm imfisser il-*grievance procedure,* u l-*career break* u saħansitra l-estensjoni tiegħu ma jaqgħux fil-parametri kif stabbiliti mit-tifsira. Tgħid li wara kollox il-konċessjoni hija fid-diskrezzjoni assoluta tas-soċjetà appellanta, u tkompli billi tispjega dak li fil-fehma tagħha xtaq jagħmel l-appellat billi jingħata trattament preferenzjali fuq impjegati oħra. Imma l-Qorti tgħid dan kollu jimpinġi fuq il-mertu tal-każ odjern, u anki s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta li jsegwu, fejn hija tibqa' tinsisti li kien hemm qbil ċar bejn il-partijiet dwar l-estensjoni tal-*career break* tal-appellat. Il-Qorti ma ssibx li hawnhekk qed jiġi rilevat xi punt ta' liġi, u għalhekk tgħid li dan l-aggravju huwa inammissibbli.

20. Is-soċjetà appellanta tispjega li s-sitt aggravju tagħha huwa li t-Tribunal applika l-liġi ħażin għall-fatti tal-każ, għaliex skarta għal kollox il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda.* Tibda billi tissottometti li t-Tribunal għaraf li bejn il-partijiet kien hemm ftehim, u għaldaqstant huwa kien tenut li jindaga jekk kienx hemm ksur ta' dak il-ftehim, u jekk is-soċjetà appellanta kellhiex raġun li twaqqaf il-kuntratt tal-impjieg tal-appellat minħabba abbandun tal-post tax-xogħol. Tgħid li t-Tribunal jidher li wasal għal din il-konklużjoni, iżda naqas li

jagħti mportanza lil dan il-ksur u lill-prinċipju ta' *pacta sunt servanda.* Is-soċjetà appellanta tirrileva wkoll li t-Tribunal naqas ukoll li jagħti każ il-prinċipju mħaddan mill-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri li l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti bil-bona fidi, li kienet nieqsa fl-appellat. Tgħid li dawn il-fatti u l-konsiderazzjonijiet legali kellhom iwasslu lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet riżultat tad-deċiżjoni unilaterali tiegħu li ma jonorax il-ftehim bejn il-partijiet, u b'hekk jabbanduna l-post tax-xogħol. Tgħid li dan ma kellux ikun suġġett għal *grievance procedure,* u jekk kien hemm xi ksur tal-Ftehim Kollettiv, it-Tribunal ma kellux ġurisdizzjoni.

21. Il-Qorti hawnhekk ukoll ma ssib l-ebda punt legali li jista' jiġi kkunsidrat minnha. Is-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta huma fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u ċjoé dak li kien ikopri l-ftehim ta' bejniethom. Għalkemm hija tqajjem prinċipju legali sabiex tissostanzja l-argument tagħha li dan il-ftehim kellu jiġi osservat fi kwalunkwe ċirkostanza, il-Qorti xorta waħda tikkunsidra li s-soċjetà appellanta mhijiex qegħda tqajjem xi punt legali partikolari sabiex jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti. Għaldaqstant dan l-aggravju ma jistax isir ġaladarba ma jirrispettax id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi:**

**(i) tilqa' l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju tas-soċjetà appellanta;**

**(ii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji l-oħra tas-soċjetà appellanta stante li huma inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u konsegwentement huma irriti u nulli; u**

**(iii) tikkonferma d-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal ma laqgħax ir-raba' u l-ħames talbiet tal-appellat, tħassarha u tirrevoka fejn laqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tal-appellat, filwaqt li tiddikjara li ma seħħet l-ebda diskriminazzjoni jew tkeċċija inġusta fil-konfront tal-appellat, u għaldaqstant l-ebda kumpens m'għandu jiġi likwidat favur tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**